# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 14 ta' Frar, 2022

**Kawża Nru. 8**

**Rik. Nru. 75/2021 ISB**

**Paul Giglio (K.I. 188271M) bhala stralcarju tas-socjeta` Celsius Global Funds SICAV p.l.c. (SV 43)**

**vs**

**Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **<u>ir-rikors</u>** ta' **Paul Giglio** (K.I. 188271M) bhala stralcarju tas-socjeta` Celsius Global Funds SICAV p.l.c. (SV 43), pprezentat fis-16 ta' Settembru 2021, li permezz tieghu huma jsostnu hekk:-

i. Illi dan ir-rikors qed jiġi mressaq a tenur tal-artikolu 300A tal-Att dwar

il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta);

ii. Illi s-soċjeta` Celsius Global Funds SICAV p.l.c. (minn hawn il-quddiem imsejjħa bħala "**il-Kumpannija**") kienet soċjeta` reġistrata f'Malta mar-Reġistratur tal-Kumpanniji bin-numru SV 43 u kellha l-uffiċju reġistrat tagħha f' 188, Triq l-Ifran, Valletta VLT 1455, Malta;

iii. Illi l-Kumpannija kienet reġistrata skond il-liġi Maltija bħala kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli b'numru ta' fondi ta' investiment separati (*open ended umbrella fund with segregated liability between sub-funds*), liema fondi ta' investiment kellhom l-investituri, l-assi u l-obligazzjonijiet rispettivi tagħhom segregati ai terimini tar-Regolamenti Dwar Kumpanniji ta' Investiment b'Kapital Azzjonarju Varjabbli Skond l-Att Dwar il-Kumpanniji (Avviż Legali 241 tal-2006);

iv. Illi l-Kumpannija kienet liċenzjata mill-Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (minn hawn il-quddiem msejjħa bħala "**MFSA**") ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment (Kapitolu 370 tal-Liġijiet ta' Malta) kif jirriżulta mill-estratt pubbliku tal-liċenzja maħrug mill-MFSA hawn anness u mmarkat bħala **Dok. 'A'**;

v. Illi l-Kumpannija kienet ġiet xjolta permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja tal-Kumpannija datata tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) a tenur tal-artikolu 265(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji u dana kif jirrizulta minn kopja tal-formola B(1) hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. 'B'**.

vi. Id-diretturi tal-Kumpannija kienu wkoll ħarġu *Declaration of Solvency* datata tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) a tenur tal-artikolu 268 tal-Att dwar il-Kumpanniji u dana kif jirrizulta minn kopja tal-formola B(2) hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. 'C'**;

vii. Illi r-rikorrent, fil-kwalita' ta' stralċjarju tal-Kumpannija, ħejja r-rapport tiegħu għall-fini tal-istralċ tal-Kumpannija ossia l-*liquidation accounts* għall-perjodu bejn it-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u l-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017);

viii. Illi s-soċjeta' Barclays Bank p.l.c., bħala l-unika azzjonista tal-Kumpannija (minn hawn il-quddiem msejjħa bħala "**Barclays**"), approvat il-*liquidation accounts* kif ukoll l-iskema ta' distribuzzjoni

permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja tal-Kumpannija datata tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u l-istess *liquidation accounts* u skema ta' distribuzzjoni ġew ippreżentati lill-intimat Reġistratur tal-Kumpanniji fis-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) (kopja tal-*liquidation accounts* hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. 'D'**);

ix. Illi skond l-iskema ta' distribuzzjoni, il-Kumpannija ma kelliex *surplus assets* disponibbli għat-tqassim lil Barclays;

x. Illi fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), il-Kumpannija ġiet *struck off* ossia kanċellata mir-Reġistru tas-Soċjetajiet Maltin u dan wara li kien tlesta l-proċess ta' stralċ (kopja ta' *statement* maħruġ mir-Reġistratur tal-Kumpanniji annessa u mmarkata bħala **Dok. 'E'**);

xi. Illi kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, sussegwentement ghall-kancellament tal-Kumpannija mir-Reġistru tas-Soċjetajiet Maltin, irriżulta li in segwitu għal: (a) rifużjoni ta' taxxa da parti tal-Awtoritajiet tat-Taxxi Taljani; (b) differenzi fir-rati tal-kambju fuq bilanci ta' flus mizmuma minn *foreign exchange broker* u (c) mizati zejda mhallsa mill-Kumpannija lill-*investment manager* in konnessjoni ma numru ta' *sub-funds*, l-amministratur tal-Kumpannija (*fund administrator*) irċieva s-somma ta' mija u erbgħa u tmenin elf sebgħa mija u sittin ewro u disgħa u erbgħin centezmu (€184,760.49) u sitta u sebgħin elf u sitta u sebgħin Lira Sterlina u ħamsa u erbgħin pence (GBP76,076.45)( (minn hawn il-quddiem imsejjħa bħala "**is-Somma**"), liema Somma qiegħda tinżamm f'isem u fl-interess tal-Kumpannija;

xii. Illi għandu jiġi ċċarat illi s-Somma qatt ma ġiet inkluża fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Kumpannija u b'konsegwenza ta' dan, l-istess Somma ukoll ma ġietx ikkunsidrata għall-fini tal-*liquidation accounts* u l-iskema ta' distribuzzjoni mħejjija mir-rikorrent;

xiii. Illi s-Somma tirrappreżenta assi li kienu jghajtu lil ċerti fondi ta' investiment separati li kienu fi ħdan il-Kumpannija u li l-ishma tagħhom ġew mifdija u kkanċellati matul il-perjodu finanzjarju ta' bejn l-ewwel (1) ta' Lulju elfejn u ħmistax (2015) u t-tletin (30) ta' Novembru elfejn u sittax (2016) (minn hawn il-quddiem msejjħa bħala "***s-Sub-Funds***") kif ukoll ammonti li thallsu minn Barclays f'isem certi sub-funds bil-quddiem u li ghandhom jigu rifuzi lil Barclays;

xiv. Illi r-rikorrent għandu interess illi ssir rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni relattiv tal-istralċ tal-Kumpannija sabiex is-Somma tigi mqassma skond id-dokument hawn anness u mmarkat bħala **Dok. 'F'** lill-investituri fis- Sub-Funds u lill-Barclays;

xv. Illi ghadhom ma għaddewx ħames (5) snin minn meta l-Kumpannija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni –

(i) Tordna li l-isem tal-kumpannija Celsius Global Funds SICAV p.l.c. jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u l-istralċ tagħha jerga' jinfetaħ għal żmien li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi u dan limitatament ai fini ta' rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni u atti u passi oħrajn relatati u ancillari għall-istess;

(ii) Tordna li ssir rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni relattiv għall-istralċ tal-imsemmija Celsius Global Funds SICAV p.l.c. billi jittieħed kont tal-ammont ta' mija u erbgħa u tmenin elf sebgħa mija u sittin ewro u disgħa u erbgħin centezmu (€184,760.49) u sitta u sebgħin elf u sitta u sebgħin Lira Sterlina u ħamsa u erbgħin pence (GBP76,076.45)i ġie eskluż mill-istess skema ta' distribuzzjoni, sabiex dan l-ammont ikun jista' jiġi distribwit skond id-dokument hawn anness u mmarkat bħala **Dok. 'F'** wara li jittieħdu dawk il-passi kollha opportuni u neċessarji f'dan ir-rigward inkluż li tgħaddi kwalunkwe riżoluzzjoni li biha tigi approvata tali skema ta' distribuzzjoni rettifikata;

(iii) Tordna lill-intimat Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex jieħu l-miżuri kollha li jistgħu ikunu neċessarji sabiex tali rettifika tkun tista' ssir u tingħata effett.

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors (fol 5 sa fol 19).

Rat **id-digriet** taghha tal-1 ta' Ottubru 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2021 f'12:00pm, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fis-7 ta' Ottubru 2021 (ara tergo ta` fol 21).

Rat illi fil-25 ta' Ottubru 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 24) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall-merti fattwali ta' din il-kawża l-intimat Reġistratur jirrimetti ruħu għall-provi u għall-ġudizzju abbli ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*Illi wara illi r-Reġistratur irċieva d-dokumentazzjoni mibgħuta lilu għax-xoljiment u għall-kanċellament tal-kumpanija Celsius Global Funds SICAV p.l.c. (SV 43), wara li kkonferma illi huma konformi mal-liġi, huwa mexa sabiex irreġistrahom skont l-Artikolu 401 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi għalhekk wara li rreġistra d-dokumentazzjoni mibgħuta mill-istralċjarju l-esponent pproċeda sabiex fit-12 ta' Ġunju 2017, jippublika l-avviż illi l-kanċellament tal-kumpanija kellu jiġi fis-seħħ f'għeluq it-tliet xhur mid-data tal-publikazzjoni tal-avviż imsemmi;*

*Illi minkejja tali publikazzjoni, ħadd ma għamel xi tip ta' oġġezzjoni għat-tħassir tal-isem tas-soċjeta' in kwistjoni matul it-tliet xhur fuq imsemmija;*

*Illi ta' min jinnota, illi l-imsemmija soċjeta' ġiet imħassra wara li ġiet xolta volontarjament fit-30 ta' Novembru 2016 u kkanċellata minn fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji fuq proċedura mibdija mill-kumpanija stess;*

*Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qiegħed jisħaq illi sussegwentament għall-kanċellament tal-kumpanija Celsius Global Funds SICAV p.l.c., irriżulta illi somma sostanzjali ta' flejjes (deskritta fid-dettall f'paragrafu* ***'xi'*** *tar-rikors promotur) ma setgħetx tiġi inkluża fil-liquidation accounts u kif ukoll fl-iskema ta' distribuzzjoni mħejjija mir-rikorrent, u għalhekk ma ġietx meqjusa fil-proċedura tax-xoljiment u l-kanċellament tal-istess kumpanija;*

*Illi fil-proċeduri odjerni r-rikorrent qiegħed jitlob sabiex l-istralċ jerġa jinfetaħ mill-ġdid u konsegwentement tkun tista' tiġi rettifikata l-iskema ta' distribuzzjoni tal-kumpannija billi jittieħdu in konsiderazzjoni d-drittijiet miftehma li tħallew barra u ċioe' li skond dak indikat fir-rikors promotur, s-somma indikata tiġi mqassma mingħand il-kumpanija Celsius Global Funds SICAV p.l.c. illi ġiet stralċjata, lill-investituri fis-Sub Funds u lill-Barclays;*

*Illi l-Artikolu 300A jipprovdi illi meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpanija, l-istralċjarju ma jkunx ġie ikkalkola xi assi tal-kumpanija u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru kull persuna illi fil-fehma tal-Qorti għandha interess, tista' permezz ta' rikors titlob il-Qorti sabiex tordna r-rettifika tal-iskema ta' distrbuzzjoni taħt dawk id-direttivi u kundizzjonijiet illi jidrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-każ illi jkollha quddiemha;*

*Illi f'każ ta' stralċ voluntarju, bħal ma kien dak tal-kumpanija Celsius Global Funds SICAV p.l.c., l-obbligi u responsabbilitajiet legali tal-istralċjarju huma iktar onorużi. Għaldaqstant l-istralċjarju irid jassigura ruħu illi l-affarijiet ġew verament iffinalizzati u li jiddetermina illi d-drittijiet u kundizzjonijiet miftehmin tal-kumpanija partikolarment fuq dawk immobli jkunu verament għaddew, qabel ma jgħaddi għas-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni finali;*

*Illi l-esponent, bla preġudizzju għas-suespost, iħoss illi kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dan r-rimedju eċċezzjonali, għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar l-iskop u l-perjodu kif ukoll jingħataw dawk id-direttivi u kundizzjonijiet kollha li hemm bżonn f' dan il-każ sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn;*

*Illi l-intimat Reġistratur m'għandux jinżamm responsabbli għall-ebda spejjeż ġudizzjarji konnessi ma' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2021, deher rapprezentant legali tal-attur noe. u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji.

Rat illi, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghas-27 ta' Jannar 2022 ghall-provvediment.

Rat l-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Jannar 2022 minn fejn jirrizulta illi DOK F msemmi mar-rikors promotur kien nieqes mill-atti u allura l-Qorti ma setghetx tghaddi ghall-provvediment, u r-rikorrent noe. inghata zmien sabiex jipprezenta l-istess permezz ta' nota, b'dan illi l-proceduri thallew ghall-llum ghall-provvediment.

Rat illi b'nota tal-1 ta' Frar 2022, DOK F msemmi fir-rikors promotur imma fuq kollox l-pern tat-tieni talba rikorrenti, gie inserit in atti.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-artiklu 300A tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta u li permezz taghha, ir-rikorrent noe sostna illi s-socjeta` **Celsius Global Funds SICAV p.l.c.** kienet kumpannija mwaqqfa f'Malta bhala kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli b'numru ta' fondi ta' investiment seperati, liema fondi ta' investiment kellhom l-investituri, l-assi u l-obbligazzjonijiet rispettivi taghhom segregati ai termini tal-Avviz Legali 241/2006.

Ir-rikorrent isostni illi l-kumpannija **Celsius Global Funds SICAV p.l.c.** kellha l-licenzji necessarji u relattivi ghall-operazzjoni taghha kif mahruga mill-MFSA, izda illi fis-sena 2016, kienet ghaddiet rizoluzzjoni straordinarja sabiex ixxolji u tghaddi ghall-konsegwenti stralc.

Ir-rikorrent noe ighid illi huwa nhatar stralcarju u pprepara l-*liquidation accounts* ghall-perjodu Novembru 2016 sa Mejju 2017. Jghid illi dawn il-*liquidation accounts* kienu approvati mill-Barclays Bank plc, bhala l-unika azzjonista ta' **Celsius Global Funds SICAV p.l.c.** Jispjega illi f'Mejju 2017 dawk l-*liquidation accounts* u l-iskema ta' distribuzzjoni kif approvati gew ppresentati lir-Registratur intimat. Jghid illi kif jirrizulta mill-istess skema ta' distribuzzjoni, jirrizulta illi l-kumpannija **Celsius Global Funds SICAV p.l.c.** ma kelliex surplus assets disponibbli ghat-tqassim lil Barclays.

Ir-rikorrent jispjega illi f'Settembru 2017, il-kumpannija **Celsius Global Funds SICAV p.l.c.** kienet giet struck off mir-Registru tal-Kumpanniji wara li kien tlesta il-process ta' stralc.

Izda r-rikorrenti noe. ighid illi wara li kienet kancellata il-kumpannija **Celsius Global Funds SICAV p.l.c.** minn fuq ir-Registru, irrizultaw numru ta' affarijiet li jimmeritaw illi ssir it-talba odjerna, u dan b'referenza ghar-rifuzjoni ta' taxxa da parti tal-Awtoritajiet tat-Taxxi Taljani, differenzi fir-rati tal-kambju fuq bilanci ta' flus mizmuma minn *foreign exchange broker* u mizati zejda mhallsa mill-kumpannija lill-investment manager in konessjoni ma' numru ta' sub-funds.

Ir-rikorrenti jispjega illi dan wassal sabiex kien hemm somma ta' flus appartenenti lill-kumpannija **Celsius Global Funds SICAV p.l.c.** fl-ammont ta' mija u erba' u tmenin elf Euro, seba' mija u sittin Euro u disa' u erbghin centezmu (EUR184,760.49) u sitta u sebghin elf u sitta u sebghin Liri Sterlini u hamsa u erbghin centezmu (GBP76,076.45) li kienu qed jinzammu mill-fund administrator.

Jispjega illi dawn l-ammonti gew wara u allura qatt ma kienu inkluzi fil-liquidation accounts u l-iskema ta' distribuzzjoni u allura sar necessarju illi ssir rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni sabiex dawn il-flus migbura jigu mqassma lill-investituri fis-Sub-Funds u lill-Barclays.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jirrimetti ruhu ghall-merti fattwali u ighid illi huwa ghaddha ghall-kancellament tal-kumpannija de quo wara li kien ircieva d-dokumentazzjoni relattiva ghall-likwidazzjoni u ra li kienet konforma mal-ligi.

Jghid illi huwa qatt ma rcieva xi forma ta' oggezzjoni ghat-thassir tal-isem matul il-perjodu statutorju, u jsostni illi f'kaz ta' stralc volontarju, l-oneru fuq l-istralcarju sabiex jassikura illi ttiehed kont tal-assi kollha qabel ma jghaddi ghas-sottomissjoni tad-dokumenti finali huwa akbar.

**Art. 300(A) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *(1) Meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpanija l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija, u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta'*

*distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*

*(2) Meta kumpanija tkun għamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti tagħha skont skema ta' distribuzzjoni u l-isem ta' dik il-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru, kull kreditur li l-pretensjoni tiegħu kontra l-kumpanija ma tkunx ġiet sodisfatta jista', b'rikors, jagħmel talba għal dak li hu dovut lilu mingħand l-azzjonisti tal-kumpanija pro rata għall-ammont li jkun riċevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru ħlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa:*

*Iżda f'ebda każ ma għandu azzjonist ikun meħtieġ li jikkontribwixxi għal ammont li jkun iżjed minn dak riċevut minnu mad-distribuzzjoni.*

*(3) Ma jista' jsir ebda rikors taħt dan l-artikolu wara li jgħaddu ħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tal-Artiklu appena citat.

Ma hemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija **Celsius Global Funds SICAV p.l.c.** giet ikkancellata minn fuq ir-Registru.

Id-dokumenti ppresentati mar-rikors u partikolarment **DOK F** jitkellmu wahedhom u ma jirrizultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irrizultaw. Jimmerita ghalhekk illi din il-Qorti tawtorizza r-rettifika li qed tigi mitluba.

Il-Qorti ghalhekk, fid-dawl tal-provvediment 300A tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi **tilqa' t-talbiet** tar-rikorrent kif proposti fir-rikors noe tieghu tas-16 ta' Settembru 2021 u:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 300A tal-KAP 356 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **Celsius Global Funds SICAV p.l.c.** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha fi stadju ta' stralc daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali

inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Celsius Global Funds SICAV p.l.c.** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji ghall-perjodu ta' tlett snin (3 snin) sabiex f'dan il-perjodu, ir-rikorrenti noe jaghmel ir-rettifika necessarja tal-iskema ta' distribuzzjoni relattiv ghall-istralc tal-istess kumpannija msemmija billi jittieħed kont tal-ammont ta' mija u erbgħa u tmenin elf sebgħa mija u sittin ewro u disgħa u erbgħin centezmu (€184,760.49) u sitta u sebgħin elf u sitta u sebgħin Lira Sterlina u ħamsa u erbgħin pence (GBP76,076.45) li ġie eskluż mill-iskema ta' distribuzzjoni gja maghmula, sabiex dan l-ammont ikun jista' jiġi distribwit skond id-dokument anness u mmarkat bħala **Dok 'F'** man-nota in atti tal-1 ta' Frar 2022, wara li jittieħdu dawk il-passi kollha opportuni u neċessarji f'dan ir-rigward inkluż li tgħaddi kwalunkwe riżoluzzjoni li biha tigi approvata tali skema ta' distribuzzjoni rettifikat.

4. **Fir-raba' lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jiehu dawk il-mizuri kollha li jistghu jkunu necessarji sabiex tali rettifika tkun tista' ssir u tinghata effett.

5. **Fil-hames lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Celsius Global Funds SICAV p.l.c.** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti noe.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**